# PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Nru **936/2021 (AD)**

**Fl-atti tar-Rikors għall-Ħruġ ta’ Kontro-Mandat għall-Mandat ta’ Sekwestru Kawtelatorju bin-numru 1343/2021 fl-ismijiet:**

## ROSARIA ANNA SIVE ROSEANNE GAFA’ (KI 480365M)

**VS**

## JANET CIANTAR (KI 279274M), JULIE ANN DEFLAVIA (KI 150982M), U DR JENNIFER SULTANA (KI 414587M)

**Il-Qorti**:

1. Dan hu digriet finali dwar talba ta’ Janet Ciantar, Julie Ann Deflavia u Dr Jennifer Sultana magħmula ai termini tal-artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta, għar-revoka tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju bin-numru 1343/2021;

**Preliminari**

2. B'rikors preżentat nhar it-tlieta (3) ta' Settembru 2021, Rosaria Anna sive Roseanne Gafa' talbet illi jinħareġ il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fil-konfront ta' Janet Ciantar, Julie Ann Deflavia u Dr Jennifer Sultana, u dan in kawtela tal-pretensjonijiet fl-ammont ta' mitejn elf Ewro (€200,000) li Gafa' għandha fil-konfront ta' Ciantar, Deflavia u Sultana;

3. Din il-Qorti kif diversement presjeduta laqgħet it-talba tas-sekwestranta biex jinħareġ il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju kif rikjest (mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1343/2021) nhar it-tlieta (3) ta' Settembru 2021 stess;

4. B'rikors preżentat nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Settembru 2021, Janet Ciantar, Julie Ann Deflavia u Dr Jennifer Sultana talbu illi l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju maħruġ fil-konfront tagħhom jiġi revokat għar-raġuni mogħtija fl-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioe illi l-ammont kawtelat mhux *prima facie* ġustifikat. In oltre, is-sekwestrati talbu wkoll illi s-sekwestranta: (i) tiġi ordnata tħallas penali ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-Kap 12, u, (ii) fin-nuqqas illi tintlaqa' t-talba għar-revoka tal-mandat, tiġi ordnata tagħti garanzija xierqa għall-ħlas ta' penali u/jew danni u/jew imgħax ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap 12. Finalment, is-sekwestrati talbu lil din il-Qorti tordna illi: (a) kemm huma stess, u kif ukoll is-Sur Patrick Ciantar, jitħallew jaċċessaw salarju u/jew introjtu u/jew dħul fl-ammont minimu ta' sitt mija u tmienja u disgħin Ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€698.81), ai termini tal-Artikolu 382(1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u (b) jingħata aċċess għall-benefiċċju soċjali perċepit mis-Sur Johann Deflavia, eks-raġel ta' Julie Ann Deflavia, illi jiġi depożitat f'*joint account* maqbud mill-mandat ta' sekwestru odjern;

5. Permezz ta' risposta preżentata nhar l-għoxrin (20) t'Ottubru 2021, Rosaria Anna sive Roseanne Gafa': (a) opponiet għat-talba tas-sekwestrati sabiex il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru

1343/2021 jiġi revokat, u dan stante illi ma jissussistux ir-rekwiżiti msemmija fl-artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta; (b) opponiet għat-talba tas-sewkestrati sabiex hija tiġi kkundannata tħallas penali ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-Kap 12 jew tagħti xi tip ta' garanzija għall-ħlas ta' penali, stante illi l-mandat ma ntalabx b'mod malizzjuż, frivolu jew vessatorju; u (c) irrimettiet ruħha għall-ġudizzju tal-Qorti f'dak illi jirrigwarda t-talba sabiex is-sekwestrati jitħallew jaċċessaw benefiċċji, salarju u/jew introjtu u/jew dħul fl-ammont minimu indikat.

**Fatti tal-Każ**

6. Minn eżami tal-atti preżentati, jidher illi l-vertenza bejn il-partijiet tirrigwarda konvenju[1] illi permezz tiegħu missier is-sekwestrati d-defunt Joseph Sultana, wiegħed u obbliga ruħu li jbiegħ, jassenja u jittrasferixxi l-proprjeta' bl-isem 'The J's', fi Triq Ta' Xmiexi, Msida, Malta lis-sekwestranta. Is-sekwestranta ħallset l-ammont ta' mitejn elf Ewro (€200,000) mal-iffirmar tal-konvenju, liema somma ġiet aċċettata mid-defunt Joseph Sultana bħala depożitu akkont tal-prezz finali;

7. Il-konvenju kellu jibqa' validu sal-għoxrin (20) ta' Jannar 2021, iżda nel frattemp, fil-ħmistax (15) t'April 2020[2], ġie nieqes Joseph Sultana, u, konsegwentement, is-sekwestrati akkwistaw il-proprjeta' suriferita per *causa mortis*. Il-konvenju ġie estiż sas-sittax (16) t'April 2021[3]. Madanakollu, jidher illi l-att finali baqa' ma ġiex ippubblikat. Il-partijiet iressqu verżjonijiet dijametrikament opposti dwar ir-raġuni għalfejn l-att finali baqa' ma ġiex ippubblikat, iżda huwa fatt mhux kontestat illi d-depożitu illi kienet ħallset is-sekwestranta baqa' ma ġiex rifuż lilha. Min-naħa l-waħda, is-sekwestranta qed issostni illi din is-somma għandha tiġi rifuża lilha peress illi kien minħabba aġir tas-sekwestrati illi l-partijiet ma resqux għall-att finali. Min-naħa l-oħra, is-sekwestrati qed isostnu illi din is-

[1] Anness bħala **Dok A** mar-rikors odjern.
[2] Vide **Dok B** anness mar-rikors odjern.
[3] Estensjoni annessa bħala **Dok B** mar-rikors odjern.

somma m'għandhiex tiġi rifuża lis-sekwestranta peress illi kienet is-sekwestranta stess illi rrifjutat illi tersaq għall-att finali wara illi kienet tathom l-impressjoni illi hija kienet ser tixtri l-proprjeta' in vendita' minkejja illi kien skada l-konvenju;

8. Is-sekwestranta intavolat kawża (rikors ġuramentat numru 878/2021) illi permezz tagħha qiegħda tisħaq illi għandha tiġi rifuża lilha mis-sekwestrati s-somma ta' mitejn elf Ewro (€200,000), u, sabiex tikkawtela l-pretensjoni tagħha, intavolat ukoll il-mandat kawtelatorju odjern, liema mandat ġie akkordat dakinhar stess tal-preżentata minn din il-Qorti kif diversement presjeduta;

**It-Talba għal Revoka mis-Sekwestrati Janet Ciantar, Julie Ann Deflavia u Dr Jennifer Sultana**

9. Din it-talba għal revoka ġiet magħmula ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 li jistabbilixxi illi l-mandat kawtelatorju jista' jiġi revokat *"jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv"*;

10. Fl-ewwel lok, ir-rikorrenti jibbażaw it-talbiet tagħhom fuq is-segwenti:

    a. Illi, fil-mandat odjern, is-sekwestranta ma tidħolx fid-dettal fuq il-kawżali li jinneċessitaw li s-somma pretiża tiġi kawtelata, iżda tagħmel biss referenza għall-kawża fil-mertu, b'dana illi s-sekwestrati ma jistgħux jiddefendu ruħhom kif suppost stante illi għadhom sal-lum ma jafux il-kawżali illi fuqhom ġie msejjes il-mandat. Għaldaqstant il-mandat odjern ma jistax jitqies *prima facie* ġustifikat u/jew ġust;

    b. Illi, fl-assunzjoni illi l-mandat jirrigwarda l-konvenju rigward il-proprjeta' fl-Imsida, is-sekwestranta qatt ma tat raġuni valida għalxiex ma xtratx l-immobbli;

c. Illi s-sekwestranta baqgħet issosti l-intenzjoni tagħha li ser tixtri l-immobbli saħansitra anke wara li skada l-konvenju;

d. Illi s-sekwestranta kienet konoxxenti tal-fatt illi s-somma mħallsa kienet ser tintuża sabiex jiġu saldati djun oħra mis-sekwestrati;

e. Illi kien ir-raġel tas-sekwestranta stess illi ħadem fuq il-konvenju bħala Nutar Pubbliku, u kien għalhekk illi s-sekwestrati emmnu u fdaw lis-sekwestranta meta sostniet illi ser tixtri l-immobbli.

11. Minn barra r-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju odjern, ir-rikorrenti talbu wkoll illi s-sekwestranta tiġi ordnata tagħti garanzija għall-ħlas ta' penali ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan stante illi, fil-fehma tagħhom, hija ipparteċipat bi sħiħ f'dak illi s-sekwestrati jsejħu 'komplott' mar-raġel tagħha, in-Nutar Carmelo Gafa, u qiegħda tiġbor flejjes mingħand is-sewkestrati illi qatt ma kienu intenzjonati li jinżammu mis-sekwestrati;

12. Finalment, is-sekwestrati qed jitolbu wkoll illi jingħataw il-possibilta' illi jaċċessaw:

(i) ammonti ta' flus suffiċjenti sabiex ikunu jistgħu jgħajxu lill-familji tagħhom, stante illi l-introjtu tagħhom qiegħed jidħol ġewwa l-kontijiet bankarji illi fuqhom ġie esegwit il-mandat odjern, u għalhekk jinsabu f'sitwazzjoni prekarja għaliex m'għandhomx mezz ieħor biex imantu lilhom infushom u lill-familjari tagħhom. Dan ai termini tal-Artikolu 381(1)(b) tal-Kap 12; u

(ii) il-benefiċċju soċjali perċepit minn Johann Deflavia, l-eks-raġel tas-sekwestrata Julie Ann Deflavia, liema benefiċċju jidħol f'*joint account* miżmum minn Johann Deflavia ma' Julie Ann Deflavia, maqbud bil-mandat odjern.

**Risposta għat-Talba għal Revoka minn Rosaria Anna sive Roseanne Gafa'**

13. Mill-banda l-oħra, b'risposta preżentata nhar l-għoxrin (20) t'Ottubru 2021, is-sekwestranta laqgħet għat-talbiet tar-rikorrenti billi saħqet illi f'dak illi jirrigwarda t-talba għal revoka ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12:

    a. Illi s-sekwestrati kienu jafu ben tajjeb illi bejn il-partijiet ma kien hemm l-ebda negozju ieħor ħlief il-konvenju, u li kienu debituri tas-sekwestranta fis-somma ta' mitejn elf Ewro (€200,000);

    b. Illi meta skada l-konvenju, il-partijiet kienu daħlu f'diskussjonijiet bejniethom, iżda ma waslu għall-ebda konklużjoni. Is-sekwestrati kienu jafu illi huma ma kinux f'pożizzjoni illi jonoraw il-wegħda ta' missierhom illi jbiegħu l-proprjeta' in kwestjoni, stante illi parti mill-istess proprjeta' irriżulta illi kienet ġia ġiet trasferita lill-Gvern ta' Malta;

    c. Illi huwiex dovut jew le l-ammont kawtelat hija kwestjoni illi tifforma l-mertu ta' dawn il-proċeduri, u dak illi għamlet is-sekwestranta kien biss illi użufruwixxiet mid-dritt li tagħtiha l-liġi sabiex tikkawtela l-ħlas lilha dovut;

14. F'dak li jirrigwarda l-ħlas ta' penali, is-sekwestranta ssostni illi l-mandat ma nħariġx malizzjożament, frivolosament jew vessatorjament, iżda ħareġ fil-parametri msemmija mil-liġi, u għalhekk is-sekwestranta m'għandhiex tiġi penalizzata. In oltre, kull referenza għan-Nutar Carmel Gafa', u cioe r-raġel tas-sekwestranta, hija rrelevanti għad-determinazzjoni tal-vertenza bejn il-partijiet;

15. Finalment, f'dak illi jirrigwarda t-talba għar-rilaxx tas-salarju u/jew introjtu u/jew dħul tas-sekwestrati, is-sekwestranta tgħid illi hija m'għandha l-ebda kontroll ta' kif jaġixxu l-banek sekwestrarji, u għaldaqstant tirrimetti ruħha għall-ġudizzju ta' din il-Qorti.

**Il-Qorti**

16. Wara illi rat id-dokumenti esebiti mill-partijiet u l-atti kollha preżentati;

17. Wara illi reġgħet rat id-digriet tagħha tas-sebgħa (7) t'Ottubru 2021 illi permezz tiegħu iddikjarat illi kienet sejra tipprovdi kameralment fuq il-mertu tar-rikors odjern;

18. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet dwar ir-Revoka tal-Mandat *In Vigore***

19. Il-materja in eżami tikkonċerna talba għal revoka ta' mandat kawtelatorju ai termini tal-Artikoli 836(1)(d) tal-Kap 12, liema artiklu jistabbilixxi illi:

> *836. (1) Mingħajr ebda preġudizzju għal kull jedd ieħor taħt dan il-Kodiċi jew kull liġi oħra, l-intimat li jkun inħareġ att kawtelatorju kontrih jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun ħarġet l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawża, jista' jagħmel rikors lill-qorti li tkun qegħda tittratta dik il-kawża li fih jitlob li l-att kawtelatorju jiġi revokat, sew għal kollox jew f'parti minnu, għal xi waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:*
> *[...]*
>
> *(d) jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx prima facie ġustifikat jew ikun eċċessiv;*

20. Din il-Qorti kif diversement presjeduta, fid-digriet fl-ismijiet ***Johan Huy pro et noe vs Mark Attard***[4], spjegat:

[4] Rik Nru 656/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Christian Falzon Scerri, 21 ta' Lulju 2021

*20. Bħala daħla, tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu illi mandat kawtelatorju huwa maħsub biex iħares pretensjoni ta' kreditur sakemm tinqata' kawża, ħalli jekk kawża tinqata' favurih, huwa jkun jista' jinforza s-sentenza fuq il-ġid tad-debitur li jkun ġie milqut bil-mandat. Fi kliem ħafif, il-mandati kawtelatorju qegħdin hemm, ħalli sakemm tinqata' l-kawża, id-debitur ma jaħbix flusu jew ma jnaqqasx minn ġidu biex dan jevita milli jħallas lill-kreditur f'każ li d-debitur joħroġ tellief mill-kawża (ara* ***Ignazio Gatt v. Żakkarija Calleja*** *deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' April, 2019). Għalhekk il-mandati kawtelatorji huma sa ċertu punt għodda ta' serħan tal-moħħ għall-kreditur, li huwa ħa jkollu minn fejn jista' jitħallas jekk jingħata raġun fis-sentenza finali;*

21. Tajjeb illi jiġi wkoll imfakkar illi l-istħarriġ illi tagħmel il-Qorti f'rikors bħal dak odjern huwa pjuttost limitat, u d-deċiżjoni illi tieħu l-Qorti f'dan l-istadju m'għandux jiġi interpretat bħala ġudizzju ta' kwalsiasi xorta dwar il-mertu tal-kawża. Hekk ġie ritenut minn din il-Qorti kif diversement presjeduta f'digriet fl-ismijiet ***Dom Communications Ltd vs Office Group Limited***[5]:

*"Tqis illi Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta li fuqu qegħda tistrieħ is-sekwestrata fit-talba tagħha għar-revoka tal-Mandat, huwa msejjes fuq eżami prima facie li jrid isir biex jiġi aċċertat jekk l-ammont mitlub li jiġi kkawtelat bil-Mandat huwiex ġustifikat jew le jew huwiex eċċessiv:*

*[...]*

*Tqis illi fir-rigward tal-proċeduri li jsiru ai termini tal-Artikolu 836, il-Qorti kemm-il darba għamlitha ċara li hija b'ebda mod ma għandha tidħol fil-fond tal-vertenza għaliex kif*

[5] Ċit Nru 1183/2014, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Lawrence Mintoff, 28 t'April 2015. Ara wkoll ***Fatima Zahra Zeroual vs Hashin Kuduzovic***, Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Nru 1009/17, Onor Imħ Francesco Depasquale, 13 ta' Mejju 2021

*irritenew diversi drabi l-Qrati tagħna, il-proċedura maħsuba fl-Artikolu 836 għandha tkun waħda sommarja, u l-eżami tagħha għandu jkun biss ta' prima facie. Dan qalitu din il-Qorti fil-kawża* ***"Camilleri vs Govè et"*** *deċiża fl-10 ta' Mejju 2001 b'dan il-kliem:*

> *"mid-dispożizzjoni tal-istess Artikolu 836 jidher li l-uniku eżami li trid tagħmel din il-Qorti huwa biss dak ta' prima facie u dan għaliex il-mertu kollu jiġi nvestigat fil-kawża proprja bejn il-partijiet, u għalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-eżami li trid tagħmel il-Qorti f'dan l-istadju u dan tenut kont li hawn si tratta dejjem ta' proċedura preliminari li għad qed tistenna l-eżitu finali tal-kawża proprja."*

*Tqis illi fl-ambitu tal-eżami prima facie li jrid isir minn din il-Qorti skont din il-proċedura sabiex jiġi aċċertat jekk l-ammont mitlub li jiġi kkawtelat bil-Mandat huwiex ġustifikat jew le, ikun xi jkun l-eżitu ta' dan l-eżami prima facie, kemm jekk tiġi milqugħha t-talba għar-revoka tal-Mandat u kemm jekk ma tiġix milqugħa, dan bl-ebda mod ma jinċidi fuq l-eżitu tal-kawża dwar il-mertu.*

*Tqis illi f'każ li tiġi milqugħha t-talba għall-ħruġ ta' kontro-mandat wara l-aċċertament prima facie li jrid isir skont din il-proċedura, xorta waħda t-talbiet fil-mertu jistgħu jirnexxu wara li jkunu nstemgħu l-provi kollha fil-kawża proprja bejn il-partijiet. Bl-istess mod f'każ li t-talba għall-ħruġ ta' kontro-mandat tiġi miċħuda wara l-eżami prima facie li jsir skont l-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, dan ma jfissirx li t-talbiet fil-mertu bilfors se jirnexxu. Eżami prima facie huwa wieħed preliminari, mhux fil-fond, u dak li jirriżulta mad-daqqa t'għajn.*

22. Sabiex, imbagħad, jitħassar mandat ai termini tal-art 836(1)(d) tal-Kap. 12, ġie senjalat fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Office Group Limited vs Jamar Malta Limited***[6]:

> *Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimat eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti;*
>
> *Illi hija l-fehma tal-Qorti li biex ammont mitlub f'mandat kawtelatorju jitqies bħala wieħed "eċċessiv", irid jintwera li bejn il-jedd pretiż u l-ammont maħsub li jħares dak il-jedd ikun hemm nuqqas ta' qbil lampanti li s-sens komun u ċ-ċirkostanzi tal-każ ma jistgħux iżewġu ma' xulxin. Il-fatt li ammont mitlub f'mandat kawtelatorju jkun jidher li huwa xi ftit ogħla minn dak li, mad-daqqa t'għajn, jidher xieraq, ma jwassalx tabilfors għat-tħassir tal-mandat li jkun iżda, l-iżjed, għat-tnaqqis tal-ammont sekwestrat;*

23. Fl-ewwel lok, f'dak illi jirrigwarda d-dettall o meno tal-kawżali illi fuqhom ġie msejjes il-mandat ta' sekwestru odjern, din il-Qorti tosserva illi, mir-risposta tagħhom, jirriżulta b'mod mill-aktar ċar illi s-sekwestrati fehmu ben tajjeb x'tirrappreżenta l-pretensjoni tas-sekwestranta, u ma kellhom

[6] Rik Nru 688/2012, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Joseph R Micallef, 10 t'Awwissu 2012

assolutament l-ebda problema jiddefendu ruħhom kif suppost. Huwa fatt mhux kontestat illi bejn il-partijiet kien hemm biss relazzjoni kuntrattwali waħda, cioe l-konvenju in kwestjoni. Huwa wkoll fatt mhux kontestat illi d-depożitu mħallas mis-sekwestranta kien punt ta' vertenza bejn il-partijiet. Hekk kif issostni tajjeb is-sekwestranta fir-risposta tagħha għall-mandat odjern, ma seta kellhom għalhekk l-ebda dubbju s-sekwestrati rigward il-mertu tal-mandat odjern, anke jekk kien hemm min minnhom kien għadu ma ġiex notifikat bir-rikors ġuramentat relattiv;

24. Fit-tieni lok, il-Qorti tinnota illi r-rikors odjern huwa bbażat, fil-maġġior parti tiegħu, fuq il-mertu tal-vertenzi bejn il-partijiet, punt illi, hekk kif diġa' ġie spjegat aktar 'il fuq, imur lil hinn mill-mansjoni tal-Qorti fil-proċeduri odjerni. Din il-Qorti m'għandhiex is-setgħa, f'dawn il-proċeduri, illi tiddikjara jekk effettivament is-sekwestranta għandhiex dritt għad-depożitu illi ħallset fuq il-konvenju jew le, u mhix sejra għalhekk tidħol fil-vertenzi ta' bejn il-partijiet. Dak illi għandha s-setgħa tagħmel din il-Qorti huwa biss illi tidentifika jekk għandhiex is-sekwestranta pretensjoni x'tikkawtela fuq bażi *prima facie*;

25. Il-Qorti hija tal-fehma illi s-sekwestranta rnexxielha turi, fir-risposta tagħha għar-rikors odjern, illi hija għandha pretensjoni x'tikkawtela. Hija ħallset depożitu akkont tal-prezz finali ta' proprjeta' immobbli, iżda, eventwalment, l-att finali ma ġie ppubblikat qatt. Għalkemm f'dawn il-proċeduri ma jispettax lil din il-Qorti illi tidentifika preċiżament minħabba l-aġir ta' min mill-partijiet tali att finali ma ġiex pubblikat, u dan naturalment għaliex tali eżami ser isir fil-kawża appożita fil-mertu, din il-Qorti tinsab sodisfatta illi s-sekwestranta għandha, mad-daqqa t'għajn, bażi ta' pretensjoni fil-konfront tas-sekwestrati. Is-sekwestrati ma jidhirx illi qed jikkontestaw il-fatt illi s-sekwestranta ħallset id-depożitu, jew il-fatt illi d-depożitu ma ngħatax lura: qegħdin jikkontestaw biss il-pretensjoni tas-sekwestranta per se billi jargumentaw illi m'hemm l-ebda raġuni valida għalfejn id-depożitu għandu jiġi rifuż lis-sekwestranta, punt illi ser ikollhom ċans u opportunita' jikkontestaw u jissostanzjaw fil-kawża miġjuba kontrihom mis-sekwestranta fil-mertu. Madanakollu, dan ma jfissirx illi s-sekwestranta m'għandhiex tingħata d-dritt illi jkollha l-pretensjoni tagħha mħarsa

sakemm tinqata' l-kawża dwar il-mertu, liema dritt qed teżerċitah preċiżament permezz tal-mandat kawtelatorju odjern;

26. Finalment, il-Qorti hija tal-fehma illi s-somma likwidata mis-sekwestranta hija waħda ġusta, fiċ-ċirkostanzi. Is-sekwestranta talbet illi tiġi kawtelata s-somma ta' mitejn elf Ewro (€200,000), somma illi tirrifletti preċiżament l-ammont illi hija ħallset bħala depożitu akkont tal-prezz finali tal-bejgħ tal-immobbli, hekk kif jirriżulta anke minn **Dokument A** anness mar-rikors odjern. Il-Qorti hija għalhekk sodisfatta illi s-somma kawtelata hija waħda ġusta u mhux eċċessiva, tenut kont tal-pretensjoni illi qiegħda tivvanta s-sekwestranta fil-konfront tas-sekwestrati;

27. Għaldaqstant, fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tiddikjara **illi ma ġiex sodisfaċentement pruvat illi tissussisti r-raġuni għar-revoka tal-mandat odjern ai termini tal-Artikolu 836(1)(d) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**.

**Kunsiderazzjonijiet dwar it-Talba għall-Ħlas ta' Penali ai termini tal-Artikolu 836(8) tal-Kap 12**

28. Ġie ritenut fid-digriet fl-ismijiet ***HSBC Bank Malta plc vs Jan Sammut***[7]:

> *Tajjeb jingħad li l-mandati kawtelatorji jinħarġu fuq ir-responsabilita' ta' min jitlob il-ħruġ tagħhom.*
>
> *Il-vessatorjeta' twassal għar-responsabilita'. Min ikun adixxa lill-Qorti għall-ħruġ ta' mandat kawtelatorju u jkun ibbaża t-talba fuq ċirkostanzi manifesti 'priva di qualsiasi fondamento nel fatto e nel diritto per cui il giudizio promossa si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posta a base dell'istanza e delle conseguenze giuridiche che ne derivano non è sufficiente a legittimare una*

[7] Mandat Nru 1408/2019, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Joseph Zammit McKeon, 2 ta' Lulju 2020

*domanda per danni da parte del vincitore nella lite' (sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXVI.I.405**). Il-vessatorjeta' timplika grad ta' kolpożita' u kattiverija. Twassal ukoll għal abbuż tad-dritt ta' azzjoni ġudizzjarja.*

29. In oltre, fid-digriet fl-ismijiet ***Office Group Limited vs Jamar Malta Limited*** suċitat, il-Qorti kompliet telabora dwar il-penali kif isegwi:

*Illi dwar il-<u>kwestjoni tal-impożizzjoni tal-penali</u>, irid jingħad li din hija sanzjoni fakoltativa. Il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, <u>tista</u>' taqbel li tgħabbi lil min ikun ħareġ mandat kawtelatorju kontra persuna, u fuq talba ta' din, b'piena ta' ħlas ta' penali. Minbarra li tali impożizzjoni hija fakultativa, irid jintwera għas-sodisfazzjon tal-Qorti li trid tkun seħħet waħda miċ-ċirkostanzi maħsubin mil-liġi sabiex tali sanzjoni tiġi imposta. Erbgħa (4) huma ċ-ċirkostanzi maħsuba mil-liġi f'dan ir-rigward u, ladarba huma sanzjoni punittiva, għandhom jitqiesu strettament bħala tassattivi, iżda biżżejjed li tirriżulta waħda minnhom biex il-Qorti tista' taċċetta li tqis it-talba għall-kundanna tal-ħlas tal-penali. Dwar din id-diskrezzjoni ngħad li l-Qorti hija tenuta li timponi l-penali fejn ikunu jirriżultaw l-estremi li l-liġi teżiġi biex din tkun imposta, u l-Qorti tista' biss tagħżel li ma timponix il-penali maħsuba fl-artikolu 836(8) f'każijiet estremi fejn is-sens ta' ġustizzja hekk kien jimponilha. Il-penali maħsuba fl-imsemmi artikolu 836(8) tal-Kap 12 hija waħda ta' ordni pubbliku immirata li tiżgura serjeta' fil-proċess ġudizzjarju u biex ma tħallix l-istitut tal-mandati kawtelatorji jintuża b'abbuż;*[8]

30. Fil-każ odjern, is-sekwestrati ma jindikawx taħt liema kap mill-erba' kapijiet imsemmija fl-artikolu 836(8) qiegħdin jitolbu illi ssir il-kundanna tal-ħlas tal-

[8] Ara wkoll: ***Av Peter Caruana Galizia et vs Jorgen Fenech et*** (suċitata); ***Joseph Tabone vs Capece Construction Limited***, Rik Nru 67/2013 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru nru 1595/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Joseph R Micallef, 14 t'Aww'ssu 2013

penali; madanakollu, minn qari tar-rikors odjern, il-Qorti qed tasal tiddeduċi illi t-talba hija magħmula ai termini tas-sub-inċiż (d), u cioe: *"jekk it-talba tar-rikorrent tkun waħda li ssir b'malizzja, tkun frivola jew vessatorja"*;

31. Il-Qorti tibda billi tinnota illi s-sekwestrati jagħmlu diversi allegazzjonijiet fil-konfront tar-raġel tas-sekwestranta, illi lanqas biss huwa parti fil-mandat odjern jew fil-proċeduri relattivi. Filwaqt illi, għal darb'oħra, tissenjala illi dawn huma punti u allegazzjonijiet illi jirrigwardaw il-mertu tal-vertenzi bejn il-partijiet, u jmorru oltre mill-proċeduri odjerni, din il-Qorti tirrileva illi anke jekk għall-grazzja tal-argument kellha tikkunsidra dawn l-allegazzjonijiet għall-fini tal-proċeduri odjerni, quddiem din il-Qorti ma nġabet l-ebda prova illi tissostanzja l-allegazzjonijiet magħmula mis-sekwestrati. Għall-fini ta' dawn il-proċeduri, din il-Qorti sejra għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-allegazzjonijiet magħmula fil-konfront tan-Nutar Carmel Gafa', u dan kemm minħabba l-fatt illi l-allegazzjonijiet ma ġewx pruvati mis-sekwestrati, u kif ukoll minħabba l-fatt illi kwalsiasi allegazzjoni fil-konfront tas-sekwestranta illi tirrigwarda lil żewġha hija punt illi għandu jiġi diskuss fil-kawża appożita fil-mertu jew fi proċeduri ulterjuri f'fori oħrajn. Li hu żgur, iżda, huwa illi dan m'huwiex punt illi għandu jiddetermina jew b'xi mod jinfluwenza d-deċiżjoni tal-Qorti fil-proċeduri odjerni;

32. In oltre, il-Qorti, hekk kif diġa spjegat aktar 'il fuq, mhix tal-fehma illi l-mandat odjern ma kienx ġustifikat, jew illi sar in *male fede*. Jirriżulta ben pruvat illi s-sekwestranta għandha pretensjoni *prima facie*, u li s-sekwestrati huma dawk illi fil-konfront tagħhom tissussisti din il-pretensjoni. Il-Qorti tinsab sodisfatta illi s-sekwestranta ma kinitx qed tabbuża mill-istitut tal-mandati kawtelatorji meta talbet illi jinħareġ il-mandat odjern;

33. Għaldaqstant, il-Qorti tiddikjara illi **ma tirriskontra ebda ċirkostanzi li trid il-liġi li jistgħu jiġġustifikaw l-imposizzjoni tal-penali fuq is-sekwestranta**.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Garanzija għall-Ħlas ta' Penali u Danni**

34. Is-sekwestrati qegħdin jitolbu wkoll l-imposizzjoni ta' garanzija xieraq fuq is-sekwestranta ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap 12;

35. Fid-digriet fl-ismijiet ***Dr Henri Mizzi vs Jebmed Srl*** suċitat, din il-Qorti kif diversement presjeduta spjegat:

> *[I]l-liġi trid li lill-Qorti tintwera "kawża ġusta" biex twassalha tqiegħed fuq il-parti eżekutanti ta' mandat kawtelatorju l-piż li toffri garanzija tajba. Il-fatt waħdu li jkun inħareġ ll-mandat ma jitqiesx bħala "kawża ġusta" għall-finijiet ta' dan l-artikolu. Irid ikun hemm raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti, li jwasslu lill-Qorti tagħti dik is-sanzjoni, x'aktarx imsejsin fuq il-ħtija kif imfissra fl-artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi Ċivili;*
>
> *Illi ngħad ukoll li d-danni li għalihom jirreferi l-artikolu taħt eżami huma dawk li l-eżekutat jista' jipprova li jkun ġarrab direttament minħabba l-ħruġ tal-att kawtelatorju u bħala konsegwenza ta' tali ħruġ, u dment li jikkonkorru l-elementi mitlub mil-liġi għal tali likwidazzjoni;*
>
> *Illi l-ammont tal-garanzija li jrid jiġi ffissat irid iżomm bilanċ xieraq bejn il-jedd li persuna tressaq att kawtelatorju u biex tħares il-pretensjonijiet tagħha f'kawża pendenti, u l-effett li tali att iħalli fuq il-persuna li kontra tagħha jinħareġ dak il-mandat. Ta' min jgħid hawnhekk li l-ordni biex tingħata garanzija mhijiex l-istess bħal kundanna ta' penali jew kundanna għall-ħlas ta' danni: l-għan waħdieni tagħha huwa li tqiegħed lill-parti eżekutata f'qagħda li, meta u jekk tintemm proċedura jew kawża għal dan il-għan, issib assi li fuqhom tkun tista' teżegwixxi deċiżjoni favorevoli għaliha;*

36. Il-Qorti, wara li qieset il-pożizzjoni tal-partijiet, tikkonkludi illi s-sekwestrati ma rnexxilhomx iġibu prova ta' *"raġunijiet oħrajn, iżjed serji u impellenti"* illi jistgħu jikkostitwixxu *"kawża ġusta"* illi a bażi tagħha l-Qorti għandha tordna

illi titħallas garanzija, għajr l-inkonvenjenza naturali illi tipikament tirriżulta mill-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju bħal dak odjern.

37. Għaldaqstant, **il-Qorti lanqas hija tal-fehma illi għandha tiġi imposta garanzija fuq is-sekwestranta ai termini tal-Artikolu 838A tal-Kap 12**;

**Talba għar-Rilaxx tal-Benefiċċji / Introjtu / Salarju u/jew Paga tas-sekwestrati ai termini tal-Artikoli 381(1)(a) u (b), u tal-Artikolu 382(1) tal-Kap 12**

38. L-Artikolu 381(1) tal-Kap 12 jistabbilixxi illi:

> *381. (1) Ma jistgħux jinħarġu mandati ta' sekwestru fuq –*
> *(a) salarju jew paga (magħdudin il-bonus, allowances, overtime u ħlasijiet oħra);*
> *(b) benefiċċju, pensjoni, allowance jew għajnuna msemmija fl-Att dwar is-Sigurta' Soċjali jew pensjoni privata jew kwalunkwe pensjoni, benefiċċju jew allowance oħra maħruġa mill-Gvern jew gvern barrani ieħor:*
> *[...]*

39. L-Artikolu 381(1)(a) huwa kwalifikat b'dak stabbilit fl-Artikolu 382(1):

> *382. (1) Fil-każ ta' kwalunkwe salarju jew paga msemmija fl-artikolu 381(1)(a) meta dawk jeċċedu sitt mija u tmienja u disgħin Ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (698.81) fix-xahar jew dik is-somma li l-Ministru responsabbli għall-ġustizzja jista' minn żmien għal żmien b'ordni jistabbilixxi, il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru jkun jgħodd fuq dik il-parti li teċċedi l-ammont imsemmi qabel:*
>
> *Iżda jekk id-debitur jagħmel rikors li fih juri għas-sodisfazzjoni tal-qorti li huwa jkollu bżonn dak l-eċċess jew parti minnu għall-manteniment tiegħu jew għall-*

*manteniment tal-familja tiegħu, il-qorti għandha tħassar il-mandat ta' sekwestru dwar dak l-eċċess jew dik il-parti minnu, u wara hekk l-imsemmi mandat għandu jitqies li jkun u li kien mingħajr effett safejn ikun ġie revokat:*

*Iżda wkoll dan l-artikolu ma jgħoddx għas-salarju ta' uffiċjal jew raġel fil-forza regolari ta' Malta.*

40. Tajjeb illi jiġi primarjament senjalat illi għalkemm dawn iż-żewġ artikoli jinsabu taħt is-Sub-Titolu VI tal-Kap 12, u cioe dik il-parti mill-Kap 12 illi titkellem dwar il-Mandat ta' Sekwestru Eżekuttiv, l-Artikolu 849 tal-Kap 12 iwessa' l-applikazzjoni ta' dawn iż-żewġ artikoli għall-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju wkoll, b'dana illi dak premess mil-liġi permezz ta' dawn iż-żewġ artikoli japplika wkoll fil-każ ta' mandat ta' sekwestru bħal dak odjern;

41. Is-sekwestrati qegħdin jitolbu illi jiġu rilaxxjati paga u/jew salarju tas-sekwestrati kollha u ta' Patrick Ciantar, illi jiġi r-raġel tas-sekwestrata Janet Ciantar, kif ukoll il-benefiċċju soċjali illi jirċievi Johann Deflavia, l-eks-raġel tas-sekwestrata Julie Ann Deflavia, liema benefiċċju jiġi depożitat f'*joint account* miżmum bejniethom;

42. Il-Qorti tinnota illi mir-risposta tas-sekwestranta jirriżulta illi s-sekwestrarji huma ħames banek, liema banek la huma l-prinċipali ta' soċjetajiet jew dipartimenti illi magħhom huma impjegati s-sekwestrati u lanqas huma d-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali. Per konsegwenza, dak illi huwa maqbud mill-mandat ta' sekwestru odjern mhumiex il-pagi, salarju u/jew benefiċċji perċepiti mis-sekwestrati, iżda l-flus fil-kontijiet bankarji relattivi tagħhom. Ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet ***Tabib Prinċipali tal-Gvern vs Hazel Pannel***[9]:

*L-eżekuzzjoni tal-Mandat ta' Sekwestru kkolpixxa f'dan il-każ il-kont bankarju ta' l-appellanti. Dak il-kont huwa awtonomu mill-fonti tal-flejjes depożitati fih u, allura,*

[9] Appell Ċivili Nru 406/2008/1, Qorti tal-Appell (Inferjuri), Onor Imħ Philip Sciberras, 27 ta' Marzu 2009

> *strettament, l-Artikolu 381 tal-liġi ma jistax lanqas ikollu applikabilita'. Li kieku kellu jiġi raġunat mod ieħor ikun ifisser illi l-ebda mandat ta' sekwestru ma jkun jista' jiġi servut f'idejn il-banek jew dan ikollu effett fejn il-kontijiet tad-debitur jkunu jikkonsistu minn depożiti ta' salarji, paga, pensjonijiet jew flejjes oħra għal liema tipprovdi l-elenkazzjoni fil-predett artikolu. Dan ċertament mhux dak li tgħid jew trid il-liġi tant li f'din l-istess elenkazzjoni mkien ma huma annoverati d-depożiti bankarji, hu x'inhu s-sors tagħhom.*

43. L-istess ġie ritenut ukoll fid-digriet mogħti fl-ismijiet ***Bank of Vallletta p.l.c. vs Edward Pace Balzan et***[10], fejn din il-Qorti kif diversement presjeduta spjegat illi:

> *[... ] [L]adarba l-paga tintbagħat direttament f'kont bankarju ta' impjegat, il-fondi jsiru parti mill-assi f'tali kont u ma jibqgħux aktar jingħarfu skont l-għajn li minnu jitnisslu. Għalkemm il-Qorti tara li dan jista' joħloq diffikulta' minħabba l-prattika mifruxa li teżisti fejn salarji, pagi jew pensjonijiet jintbagħtu direttament f'kont bankarju, jidher li l-qagħda legali fejn jidħlu l-effetti ta' Mandati ta' Sekwestru ma tħallix għażla lis-sekwestrarju li jrid joqgħod għall-ordni tal-Qorti. Dan jitlob lill-parti li tkun intlaqtet b'Mandat bħal dak li tagħmel arranġamenti mal-prinċipal tagħha jew id-dipartiment li jkun li l-ħlas dovut jingħata direttament lill-impjegat jew lill-benefiċjarju;*

44. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti tikkonsidra illi l-Artikoli 381(1)(a) u (b) u l-Artikolu 382(1) tal-Kap 12 ma jsibux applikazzjoni fil-każ odjern, stante illi l-pagi / salarji u benefiċċju msemmija mis-sekwestrati jitilfu n-natura

[10] Rik Nru 496/17 fl-atti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv nru 654/2017, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ Joseph R Micallef, 28 ta' Ġunju 2017 *(Għalkemm dan id-digriet kien jirrigwarda mandat ta' sekwestru eżekuttiv, l-interpretazzjoni illi saret f'dan id-digriet tal-Artikoli 381(1) u 382(1) tal-Kap 12 tapplika wkoll għall-każ odjern.)*

tagħhom hekk kif jiġu depożitati fil-kontijiet bankarja milquta mill-mandat odjern u jsiru depożiti bankarji. Per konsegwenza tal-fatt illi kontijiet bankarji ma jifformawx parti mil-lista ta' ħwejjeġ illi ma jistgħux jiġu milquta minn mandat ta' sekwestru ai termini tal-istess artikoli, ir-raba' u l-ħames talbiet tas-sekwestrati ma jistgħux jiġu akkolti;

45. Għaldaqstant, il-Qorti **qed tiċħad ukoll ir-raba' u l-ħames talbiet tas-sekwestrati**.

**Decide**

46. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi **tiċħad it-talbiet kollha** tas-sekwestrati.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra s-sekwestrati.

**Digriet kamerali mogħti llum, ħdax (11) ta' Novembru 2021.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Graziella Attard**
**Deputat Reġistratur**